# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 1 ta' Frar, 2024.**

**Numru 7**

**Rikors Numru 490/2019/1 RGM**

**Maria Carmela sive Carmen Vella u**
**Maria Stella sive Marisa Schirò**

**v.**

**Joseph Vella u b'digriet tal-11 ta' Frar 2020 Dr Raisa Colombo u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud ġew maħtura bħala Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw l-eredità ġjaċenti tal-mejta Maria Meli u b'digriet tal-31 ta' Awwissu 2020 ġiet nomintata Dr. Fransina Abela minflok Dr. Raisa Colombo**

**Il-Qorti**

1. Din hija sentenza minn appell imressaq mill-konvenut Joseph Vella kontra sentenza ta' nhar is-16 ta' Marzu 2023 mogħtija mill-Prim'Awla tal-

Qorti Ċivili, fejn fost ħwejjeġ oħra: (i) assenjat il-flejjes li l-atturi għandhom jieħdu mill-wirt ta' missierhom Arturo Meli fl-ammont ta' €9570.19 għal kull waħda minnhom; (ii) illikwidat is-sehem riżervat li l-atturi jmisshom mill-wirt ta' ommhom Maria Meli fl-ammont ta' €180,764.18 għal kull waħda minnhom, bl-imgħax bi 8% fis-sena mis-17 ta' Ottubru, 2018 sad-data tal-ħlas kollu; (iii) iddikjarat illi d-donazzjoni li Maria Meli tat lill-konvenut Joseph Vella, b'att pubbliku tat-28 ta' Ġunju, 2013, qabżet is-sehem disponibbli ta' Maria Meli u b'hekk din għandha titreġġa' lura fil-massa ereditarja jekk kemm-il darba ma jsirx il-ħlas għas-saldu tas-sehem riżervat lill-atturi; (iv) ordnat il-bejgħ bl-irkant ġudizzjarju tal-garaxx numru 43, fi Triq Ħal Saflieni, Paola, bir-rikavat jiġi mogħti lill-atturi nofs kull waħda minnhom akkont tas-sehem riżervat lilhom dovut; (v) ordnat li l-flejjes kollha depożitati mal-Bank of Valletta plc u mal-HSBC Bank Malta plc f'isem il-mejtin Arturo u Maria konjuġi Meli sew jekk individwalment sew jekk f'kontijiet f'isimhom it-tnejn għandhom jiġu assenjati lill-atturi nofs kull waħda minnhom akkont tas-sehem riżervat lilhom dovut; (vi) ordnat il-bejgħ bl-irkant ġudizzjarju tal-post numru 48, fi Triq Ħal Luqa, Paola, bil-kappella, bil-ġnien u l-ġaraxx numru 41, fi Triq Ħal Saflieni, Paola, sabiex mir-rikavat jitħallas lill-atturi l-bilanċ tas-sehem riżervat li jmiss lilhom, bil-bilanċ li jifdal jiġi mgħoddi lill-konvenut Joseph Vella, b'dan illi tali bejgħ m'għandux iseħħ jekk kemm-il darba l-konvenut Joseph Vella jinqeda bil-fakultà mogħtija bl-**Artikolu 653 tal-Kodiċi Ċivili** u jħallas lill-atturi l-imsemmi bilanċ dovut sa mhux aktar tard minn tliet

xhur mid-data tal-bejgħ bl-irkant ġudizzjarju tal-garaxx numru 43, Triq fi Ħal Saflieni Paola.

**Daħla**

2. F'din il-kawża, l-atturi talbu li jirċievu l-wirt ta' missierhom Arturo Meli u s-sehem riżervat mill-wirt ta' ommhom Maria Meli, wara li huma rrinunzjaw għall-wirt tagħha.

3. Il-konvenut Joseph Vella, iben l-attriċi Maria Carmela *sive* Carmen Vella, li jiġi n-neputi tal-mejta Maria Meli, kien il-werriet preżunt, wara li ħut il-konvenut irrinunzjaw għall-wirt ta' Maria Meli wkoll. L-attriċi Maria Stella *sive* Marisa Schirò m'għandhiex tfal.

4. Ftit wara li bdiet il-kawża l-konvenut irrinunzja wkoll għall-wirt ta' Maria Meli, madankollu ħareġ li żmien qabel ma nfetħet din il-kawża hu kien irċieva b'donazzjoni mingħand Maria Meli, id-dar, b'remissa u kappella, bin-numru 48, Luqa Road, Paola mill-assi parafernali tagħha, fejn fiha l-istess konvenut jgħix ma' familtu u li fiha kienet tgħix ukoll Maria Meli.

5. L-Ewwel Qorti sabet li l-konvenut mhuwiex il-werriet preżunt, iżda applikat il-prinċipju tal-*ius superveniens* u konsegwentement applikat

dawk l-artikoli tal-**Kodiċi Ċivili** relatati mal-kollazzjoni ta' proprjetà mogħtija b'donazzjoni f'każ li din taqbeż is-sehem disponnibli.

6. Il-konvenut (issa appellant) jargumenta illi l-atturi ma rrinunzjawx għall-wirt ta' ommhom bil-mod kif trid il-liġi u dan minħabba li żammew fil-pussess tagħhom iċ-ċwievet għall-kmamar fejn kienet tgħix Maria Meli, li jifformaw parti mill-ġid donat lilu, u li f'dawn il-kmamar jista' jkun li hemm oġġetti ta' Maria Meli, li ma ġewx imniżżla fl-inventarju.

7. L-atturi, permezz ta' rikors maħluf tal-20 ta' Mejju 2019, talbu lill-Ewwel Qorti sabiex:

> *«i. Tiddikjara u tiddeċiedi fuq il-konsistenza tal-assi immobbiljari u mobiljari, drittijiet reali u personali konsistenti l-komunjoni tal-akkwisti, eżistenti bejn il-mejta Maria Meli u l-mejjet żewġha Arturo Meli, kif ukoll l-assi parafernali tal-mejta Maria Meli u tal-mejjet Arturo Meli u kull proprjetà oħra li l-imsemmija Maria Meli kellha u li ddonat lill-intimat tul ħajjitha b'mod partikolari tal-proprjetà ossia dar li ġġib in-numru 48 ġa 20 ġa 30 Luqa Road, Paola u r-remissa, il-Kappella Ġesù Nazzarenu u l-ġnien li jinfed mal-istess dar, liema remissa għandha bieb ieħor f'Ħal Salfieni Street, inkluż l-arja libera tal-istess dar bħala soġġetta l-imsemmija dar għal piż piju (pious burden) annwu u perpetwu ta' EURO 4.66ċ ekwivalenti għal skopijiet ta' informazzjoni biss għal żewġ liri Maltin (Lm2) u kamra aċċessibbli mill-istess dar kif ukoll garaxx aċċessibbli minn Ħal Saflieni Street, Paola, liema fond huwa mibni fuq kwartier b'aċċess minn żewġ toroq paralleli ossija Luqa Road, Paola u Ħal Saflieni Street, Paola.*
>
> *ii. Tillikwida u tiddividi l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn Arturo u Maria konjuġi Meli f'żewġ porzjonijiet ugwali kif ukoll l-assi parafernali tal-konjuġi Meli.*
>
> *iii. Tassenja l-porzjon likwidat tal-komunjoni tal-akkwisti u parafernali tal-mejjet Arturo Meli f'żewġ porzjonijiet waħda lir-rikorrenti Maria Carmela Vella u l-oħra lir-rikorrenti Maria Stella Schirò.*
>
> *iv. Tassenja l-porzjoni likwidat mill-komunjoni tal-akkwisti u parafernali tal-mejta Maria Meli lill-intimat Joseph Vella.*

*v. Tillikwida s-sehem riżervat dovut lir-rikorrenti mill-eredità tal-mejta ommhom Maria Meli inkluż l-imgħaxijiet bir-rata stabbilita fl-Artikolu 1139 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta liema sehem m'għandux ikun anqas minn terz (1/3) mill-valur tal-eredità tal-mejta Maria Meli u tal-proprjetà li hija ddonat tul ħajjitha, b'mod partikolari tal-proprjetà ossia dar li ġġib in-numru 48 ġa 20 ġa 30 Luqa Road, Paola u r-remissa, il-Kappella Ġesù Nazzarenu u l-ġnien li jinfed mal-istess dar liema remissa għandha bieb ieħor f'Ħal Salfieni Street, inkluż l-arja libera ta' l-istess dar bhala soggetta l-imsemmija dar għal piż piju (pious burden) annwu u perpetwu ta' EURO 4.66ċ ekwivalenti għal skopijiet ta' informazzjoni biss għal żewġ liri Maltin (Lm2) u kamra aċċessibbli mill-istess dar kif ukoll garaxx aċċessibbli minn Ħal Saflieni Street, Paola, liema fond huwa mibni fuq kwartier b'aċċess minn żewġ toroq paralleli ossia Luqa Road, Paola u Ħal Saflieni Street, Paola, u dan jekk hemm bżonn bl-opera ta' periti nominandi, kif ukoll l-assi mobbiljari li l-istess Maria Meli kellha mill-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejnha u bejn l-mejjet żewġha Arturo Meli u dak appartenenti parafernalment lilha.*

*vi. Tikkundanna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti is-sehem riżervat dovut lilhom mill-eredità tal-mejta ommhom Maria Meli inkluż l-imgħaxijiet bir-rata stabbilita fl-Artikolu 1139 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta sad-data tal-effettiv pagament mis-17 ta' Ottubru 2018.*

*Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tal-11 ta' Frar 2019 u tal-mandat ta' inibizzjoni 464/2019 MCH u bl-inġunzjoni tal-intimat għas-subizzjoni.»*

8. Illi dawn it-talbiet ressquhom abbażi tas-segwenti premessi kif riprodotti in suċċint mill-Ewwel Qorti:

*«B'rikors ġuramentat tal-20 ta' Mejju 2019 l-atturi fissru li huma ulied il-mejta Maria Meli, li mietet fis-17 ta' Ottubru 2018 u li l-konvenut Joseph Vella (minn issa 'l quddiem il-konvenut Vella) huwa iben l-attriċi Maria Carmela sive Carmen Vella (minn issa 'l quddiem Carmen Vella) u n-neputi tal-attriċi Maria Stella sive Marisa Schirò (minn issa 'l quddiem Marisa Schiro). Ippremettew li b'kuntratt ta' donazzjoni tat-28 ta' Ġunju 2013 fl-atti tan-Nutar Sharon Faith Farrugia, u ad insaputa tagħhom, ommhom ittrasferit il-proprjetà parafernali tagħha bin-numru uffiċċjali 48, Luqa Road, Paola u r-remissa, l-kappella Ġesù Nazzareno u l-ġnien li jinfdu mal-istess dar, liema remissa għandha bieb ieħor fi Triq Ħal Saflieni inkluż l-arja libera tal-istess dar, soġġetta għal piż piju annwu u perpetwu ta' €4.66 dovuti lil Church of Jesus Nazareth, altrimenti libera u franka.*

*Fissru kif skont it-testment tal-mejta tat-22 ta' Marzu 2014 fl-atti tan-Nutar Amanda Grech, hija nnominat bħala eredi universali tagħha lill-atturi u dan wara li jitħallsu l-legati u l-prelegati hemm imsemmija.*

*Jippremettu li malli saru jafu bid-donazzjoni huma rrinunzjaw għall-eredità tal-mejta ommhom u rriżervaw id-dritt tal-porzjon riżervat dovut lilhom skont il-liġi, iżda ma rrinunzjawx għall-eredità tal-mejjet missierhom Arturo Meli li miet fit-22 ta' Mejju 1999. L-attriċi Carmen Vella għandha tliet ulied u ċjoè lill-konvenut Joseph Vella, kif ukoll lil Louis Vella u Maria Victoria Vella. Louis u Maria Victoria aħwa Vella stante r-rinunzja t'ommhom, huwa wkoll irrinunzjaw għall-eredità ta' nannithom. Marisa Schirò m'għandhiex tfal. L-atturi fissru li konsegwenza ta' dawn ir-rinunzji, l-eredità ta' Maria Meli għaddiet fuq l-unika neputi u preżunt eredi l-konvenut Joseph Vella. Komplew jippremettu li l-proprjetà fuq imsemmija, taqbeż il-valur tas-sehem disponibbli mill-eredità tal-istess Maria Meli u b'hekk dan it-trasferiment huwa soġġett għall-kollazzjoni minkejja li ġie donat u dan ai termini tal-* ***Artikolu 913 (1) tal-Kapitolu 16*** *u jrid jitpoġġa fil-massa ereditarja tad-defunta Maria Meli.*

*Ippremettew li b'ittra uffiċjali tal-11 ta' Frar 2019 huma talbu lill-konvenut sabiex jersaq għal-likwidazzjoni tal-porzjon riżervat flimkien mal-imgħax tat-8% fis-sena iżda l-konvenut ma resaqx għal-likwidazzjoni tas-sehem riżervat u l-imgħaxijiet u kien għalhekk li talbu lil din il-Qorti toħroġ l-opportun mandat ta' inibizzjoni Nru 464/2019 MCH fl-ismijiet fuq premessi u liema ġie degretat fis-6 ta' Mejju 2019.»*

9. Illi l-konvenut ressaq risposta ġuramentata[1] permezz ta' liema saħaq li hu mhuwiex il-leġittimu kontradittur. Ulterjorment ressaq eċċezzjoni ulterjuri permezz ta' liema saħaq illi l-atturi tilfu d-dritt għas-sehem riżervat minħabba li kienu aċċettaw il-wirt ta' Maria Meli u li mingħajr l-ebda preġudizzju, ir-rinunzja tagħhom għall-eredità ta' ommhom ma kinitx valida peress li ma saritx il-pubblikazzjoni tal-inventarju[2].

10. Ġew appuntati kuraturi għall-eredità ta' Maria Meli, li tiġi omm l-atturi u n-nanna tal-konvenut[3], u dan minħabba li kemm l-atturi[4], it-tfal tal-

[1] *Fol.* 65.
[2] *Fol.* 353.
[3] *Fol.* 82 *et seq.*
[4] *Fol.* 14 *et seq.*

attriċi Maria Carmela *sive* Carmen Vella[5] u l-konvenut Joseph Vella[6] rrinunzjaw għall-eredità ta' Maria Meli. Daħlet risposta mill-kuraturi għan-nom tal-eredità ta' Maria Mela fejn intqal illi huma ma kinux edotti mill-fatti[7].

11. Ġie inkarigat il-Perit Godwin Abela bħala perit tekniku sabiex jivvaluta l-proprjetà 48, Luqa Road, Paola u r-remissa, il-kappella Ġesù Nazzareno u l-ġnien li jinfdu mal-istess dar, liema remissa għandha bieb ieħor fi Triq Ħal Saflieni inkluż l-arja libera tal-istess dar, soġġetta għal piż piju annwu u perpetwu ta' €4.66 dovuti liċ-*Church of Jesus Nazareth*, altrimenti libera u franka, li kienet ingħatat b'donazzjoni lil Joseph Vella, permezz ta' att pubbliku fl-atti tan-Nutar Sharon Faith Farrugia tat-28 ta' Ġunju, 2013[8]. Huwa vvaluta l-proprjetà inkwistjoni bħala li tiswa miljun ewro (€1,000,000) fis-suq miftuħ u dan skont ir-rapport peritali tal-5 ta' Jannar 2021. Il-garaxx bin-numru 43, fi Triq Ħal Saflieni, Paola, li ma kienx donat lill-konvenut Vella, iżda li tħalla bħala legat lil Maria Stella *sive* Marisa Schirò ġie mogħti l-valur ta' ħamsin elf ewro (€50,000)[9].

12. Illi l-Ewwel Qorti waslet għas-segwenti *decide*:

*«1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha sollevati mill-konvenut;*

*2. Tilqa' l-ewwel, it-tieni u t-tielet talbiet attriċi;*

[5] *Fol.* 16 *et seq.*
[6] *Fol.* 80 *et seq.*
[7] *Fol.*105.
[8] *Fol.* 7 *et seq.*
[9] *Fol.* 138 *et seq.*

*3. Tillikwida u tiddividi l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn id-defunti Arturo u Maria konjuġi Meli fl-assi kif murija taħt is-sezzjoni Likwidazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti;*

*4. Tassenja s-sehem likwidat mill-assi tal-mejjet Arturo Meli lill-atturi nofs kull wieħed kif muri taħt is-sezzjoni Kalkolazzjoni tal-eredità ta' missier l-atturi u ċjoè s-somma ta' €9,570.19 lill-attriċi Maria Carmela Vella u s-somma ta' €9,570.19 lill-attriċi Marisa Stella Schirò.*

*5. Tiċħad ir-raba' talba stante li fil-mori tal-kawża l-konvenut irrinunzja għall-wirt tal-mejta Maria Meli;*

*6. Tilqa' l-ħames talba, tillikwida s-sehem riżervat spettanti lill-atturi fuq il-wirt ta' ommhom Maria Meli skont kif kalkolat fis-sezzjoni Kalkolazzjoni tal-eredità ta' omm l-atturi u ċjoè, lill-attriċi Maria Carmela Vella fl-ammont ta' mija u tmenin elf, seba' mija u erbgħa u sittin ewro u tmintax-il ċenteżmu (€180,764.18) bl-imgħax bi tmienja fil-mija (8%) fis-sena mis-17 ta' Ottubru, 2018 sad-data tal-effettiv pagament, u lill-attriċi Maria Stella Schirò fl-ammont ta' mija u tmenin elf, seba' mija u erbgħa u sittin ewro u tmintax-il ċenteżmu (€180,764.18) bl-imgħax bi tmienja fil-mija (8%) fis-sena mis-17 ta' Ottubru, 2018 sad-data tal-effettiv pagament, b'kollox tliet mija u wieħed u sittin elf, ħames mija u tmienja u għoxrin ewro u sitta u tletin ċenteżmu (€361,528.36) oltre l-imgħax legali;*

*7. Tiddikjara illi d-donazzjoni magħmula minn Maria Meli lill-konvenut Joseph Vella bis-saħħa ta' att pubbliku tat-28 ta' Ġunju, 2013 in atti Nutar Sharon Faith Farrugia qabżet is-sehem disponibbli ta' Maria Meli u illedit is-sehem riżervat tal-atturi b'dan illi għandha titreġġa' lura fil-massa ereditarja tad-defunta Maria Meli kemm-il darba ma jsirx il-ħlas għas-saldu tas-sehem riżervat lill-atturi skond kif deċiż hawn taħt f'paragrafu 11 tad-decide;*

*8. Tordna l-bejgħ b'sub hasta tal-garaxx 43, Triq Ħal Saflieni, Paola.*

*9. Tordna li r-rikavat tal-bejgħ b'subhasta tal-garaxx 43, Triq Ħal Saflieni, Paola, jiġi mogħti lill-atturi nofs kull waħda minnhom akkont tas-sehem riżervat lilhom dovut kif fuq deċiż;*

*10. Tordna li l-flejjes kollha depożitati mal-Bank of Valletta plc u mal-HSBC Bank Malta plc f'isem id-defunti Arturo u Maria konjuġi Meli sew jekk individwalment sew jekk f'kontijiet f'isimhom it-tnejn jiġu assenjati lill-atturi nofs kull waħda minnhom akkont tas-sehem riżervat lilhom dovut kif fuq deċiż;*

*11. Tordna l-bejgħ b'subbasta tal-fond tmienja u erbgħin (48), Triq Ħal Luqa, Paola, bil-kappella, bil-ġnien u l-ġaraxx numru wieħed u erbgħin (41), Triq Ħal Saflieni, Paola, sabiex mir-rikavat jitħallas lill-atturi l-bilanċ tas-sehem riżervat lilhom spettanti wara li jitħallsu l-akkonti fuq imsemmija. Il-bilanċ mir-rikavat jiġi mgħoddi lill-konvenut Joseph Vella;*

*b'dan illi tali bejgħ ma għandux iseħħ jekk kemm-il darba l-konvenut Joseph Vella jużufruwixxi ruħu mill-fakultà mogħtija bl-**Artikolu 653 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta** u jħallas lill-atturi l-imsemmi bilanċ dovut sa mhux aktar tard minn tliet xhur mid-data tal-bejgħ b'sub hasta tal-garaxx numru 43, Triq Ħal Saflieni Paola. B'hekk tiddisponi mis-sitt talba attriċi.*

*Bl-ispejjeż kontra l-konvenut Joseph Vella.»*

13. Il-konvenut ressaq appell nhar is-17 ta' April 2023. L-atturi appellati ressqu risposta għall-appell nhar il-21 ta' April 2023. Il-kuraturi ta' Maria Meli ressqu risposta għall-appell nhar id-29 ta' Mejju 2023.

14. L-appell tal-konvenut huwa mifrux fuq sitt aggravji. Għalkemm fl-appell hemm indikat li hemm seba' aggravji, madankollu dan sar bi żball għaliex it-tielet aggravju huwa nieqes.

15. Fil-qosor, il-konvenut iħossu aggravat illi: (i) l-Ewwel Qorti donnu rrikonoxxiet illi l-konvenut ma kienx il-leġittimu kontradittur iżda xorta waħda ċaħdet l-istess eċċezzjoni preliminari mressqa minnu; (ii) li l-Ewwel Qorti marret *ultra* jew *extra petita* minħabba li tat deċiżjonijiet li ma kinux ikkontemplati fl-azzjoni attriċi; (iii) li l-Ewwel Qorti applikat il-prinċipju tal-*ius superveniens* meta dan ma japplikax għall-każ tal-lum; (iv) li l-Ewwel Qorti kellha tilqa' l-eċċezzjoni ulterjuri illi l-atturi tilfu kwalunkwe dritt illi jitolbu s-sehem riżervat u dan peress li huma aċċettaw l-eredità tal-mejta Maria Meli minħabba li naqsu li jagħmlu l-proċedura tal-inventarju; (v) li l-valur mittieħed tad-dar u l-imgħax legali kellhom jirriflettu l-istess dati; u (vi) li l-konvenut m'għandux iġorr hu l-ispejjeż tal-kawża.

**Konsiderazzjonijiet Legali**

***Il-Ħames Aggravju***

16. Illi din il-Qorti ser tibda billi tindirizza l-**<u>ħames aggravju</u>** tal-konvenut peress li jekk dan jiġi milqugħ, ser jaffetwa l-kumplament tal-appell.

17. F'dan l-aggravju, l-appellant jilmenta illi l-eċċezzjoni ulterjuri mressqa minnu kellha tintlaqa' u ċjoè li l-atturi tilfu kwalunkwe dritt illi jitolbu s-sehem riżervat u dan peress illi huma aċċettaw l-eredità tal-mejta Maria Meli. Sostna li meta l-atturi għamlu l-proċedura ta' rinunzja għall-wirt naqsu milli jagħmlu l-proċedura dettata mil-liġi tal-pubblikazzjoni ta' inventarju bil-proprjetà li tinsab fil-pussess tagħhom u għalhekk tali rinunzja mhijiex effettiva u l-wirt ġie aċċettat.

18. L-appellant jagħmel referenza għall-kontroeżamijiet tal-atturi u jisħaq li huma xehdu li kellhom iċ-ċwievet tal-kmamar fejn kienet tgħix ommhom, li kienu jafu li s-*safe* li kellha ommhom kien vojt u li anke daħlu fil-ġnien tad-dar u nqata' xi lumi minn mas-siġar. Jisħaq li l-Ewwel Qorti ma tatx biżżejjed piż lil din ix-xhieda għaliex il-fatt li Carmen Vella kien għad kellha aċċess esklussiv għall-kmamar ta' ommha hija minnha nfisha

turija ċara tal-aċċettazzjoni tal-wirt. Iżid li anke li kieku dan mhux biżżejjed, ir-rinunzja kienet waħda monka u difettuża peress li l-atturi naqqsu milli jagħmlu inventarju appożitu.

19. Għal dan l-aggravju l-atturi jwieġbu illi mhux minnu li huma aċċettaw il-wirt. Jgħidu li huma ma kellhom l-ebda proprjetà mobbli jew immobbli f'idejhom u b'hekk anqas setgħu jagħmlu inventarju. Jargumentaw li ċ-ċavetta tal-kmamar tal-mejta Maria Meli kienet għand l-attriċi Maria Carmela *sive* Carmen Vella minħabba li kienet tieħu ħsieb lil ommha. Jgħidu li ma setgħux jidħlu fid-dar ta' ommhom wara mewtha, billi nbiddlet is-serratura tal-bieb ta' barra u li fuq kollox dik il-proprjetà kienet tal-konvenut għax ġiet iddonata lilu.

20. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *«Bħala punt ta' tluq dwar dan l-aspett tal-vertenza ssir referenza għall-* ***Artikoli 850 u 852 tal-Kodiċi Ċivili****:*
>
> > *850. (1) L-aċċettazzjoni tista' tkun espressa inkella taċita.*
> > *(2) Hija espressa, meta wieħed jieħu l-kwalità ta' werriet f'att pubbliku jew f'kitba privata.*
> > *(3) Hija taċita, meta l-werriet jagħmel xi att li bilfors ifisser li huwa ried jaċċetta l-wirt, u li ma kienx ikollu l-jedd jagħmel jekk mhux bħala werriet.*
> >
> > *852. (1) L-ordnijiet mogħtija għall-funerali, l-atti ta' konservazzjoni, jew ta' amministrazzjoni tal-wirt għal xi żmien, ma jġibux aċċettazzjoni tal-wirt meta ma tkunx ittieħdet ukoll il-kwalità ta' werriet.*
> > *(2) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) japplikaw ukoll fil-każ ta' proċedimenti ġudizzjarji dwar azzjonijiet possessorji, f'liema każ il-persuna li tkun imsejħa għall-wirt titqies de jure kuratur tal-wirt skont l-artikolu 886(2).*
> > *(3) Is-subartikolu (2) għandu japplika biss jekk il-persuna msejħa għall-wirt tiddikjara fl-azzjoni li tkun qed taġixxi fil-kwalità tagħha ta' de jure kuratur.*

*Fil-qosor, werriet jitlef il-jedd li jirrinunzja għall-wirt jekk jirriżulta li għamel xi att li minnu jkun jirriżulta li huwa aġixxa fil-kwalità ta' werriet. Jekk minn dak l-att jirriżulta li l-werriet ried jaċċetta l-wirt allura jitqies li taċitment aċċetta l-wirt liema stat huwa irriversibbli. Il-ġurisprudenza tgħallimna li:*

> *«hemm bżonn, kif stabbilit mill-ġurisprudenza, illi jkun hemm il-volontà u l-intenzjoni li b'dak l-att tiġi aċċettata l-eredità, u ta' dan trid issir il-prova univoka, b'mod li ma tkunx possibbli kwalunkwe interpretazzjoni oħra ta' dak l-att (**v. Kollez. XXIX.i.1179**) u App. Ċiv. 2.3.1951 (inedita) in re **Giorgia Zammit v. Marchese Enrico Grispo Barbaro di San Giorgio**)[10]»*

*Fil-kawża fl-ismijiet **Amadeo Mea et v. Albert Borg et** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Ġunju 1952 ġie kkonfermat li mill-att trid tirriżulta l-volontà tas-suċċessibbli li jaċċetta l-wirt sabiex l-aċċettazzjoni tiġi preżunta:*

> *«mhux biżżejjed li l-att jirrileva intenzjoni kwalunkwe, dak l-att irid ikun tali li jimplika b'mod neċessarju u inekwivokabili l-volontà f'min jagħmlu li jaċċetta l-wirt. Maġistralment f'dan ir-rigward hu l-insenjament tal-Qorti tal-Appell tal-Maestà tar-Reġina fil-kawża **Azzopardi v. Mallia** deċiża fis-6 ta' Novembru, 1916:- 'Mentre secondo l'antico diritto bastava per l'accettazione dell'eredità un atto qualunque esprimente la volontà d'essere erede, per cui la tacita accettazione poteva emergere da un fatto che per se stesso non supponeva di necessità l'intenzione di accettare l'eredità, il diritto nuovo, ad eliminare gli apprezzamenti fondati su verosimiglianze più o meno fondate, vuole che l'atto da cui si voglia inferire l'accettazione debba essere tale da supporre, non solo certamente, ma necessariamente la volontà di accettare (**Kollez. XXIII.i.254**).»*

*Kompliet tgħid li fid-dubju l-aċċettazzjoni għandha tiġi eskluża.*

*Fuq dan l-aħħar punt il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Nobbli Rosario Ferro Attard Montalto v. Nobbli Charles Vella Bonavita et** deċiża fl-14 ta' Diċembru 1966 (ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fid-29 ta' Mejju 1967) spjegat li:*

> *«L-att kompjut għandu jkun essenzjalment univoku b'mod li ma jħalli assolutament ebda dubbju li s-suċċessibbli, meta għamel l-att, ma setax kellu intenzjoni oħra ħlief dik li jaċċetta l-eredità, u jekk dak l-att seta' għamlu alio titulo jew mhux b'dik l-intenzjoni, l-aċċettazzjoni għandha tiġi eskluża.»*

*Fil-kawża **Orazio sive Grazio Cutajar v. Emmanuele Cutajar et** (Ċit Nru 687/1981 PS) deċiża fit-3 ta' Ottubru 2003 osservat li, "nel dubbio, quando si tratta di questioni relative ad una accettazione di eredità, si deve decidere per la dichiarazione di non essere stata accettata l'eredità" (**Teresa Mangion et v. Paolo Deguara**, Prim'Awla, Qorti Ċivili, 30 ta' Ottubru 1884 riportata **a Vol X paġna 596**)."*

[10] ***Maria Stella Hili et v. Carmelo Cilia** deċiża fid-19 ta' Jannar 1956 (**Vol. XL.ii.691**).*

*L-oneru tal-prova li kien hemm aċċettazzjoni taċita qiegħda fuq min jallega li kien hemm it-tali aċċettazzjoni. Fil-kawża fl-ismijiet* ***Carmel Attard v. Joseph Attard*** *(Ċit Nru 53/2007 AE) deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta fil-21 ta' April 2008 ġie ritenut li:*

> *«L-oneru tal-prova qiegħed fuq min jallega li kien hemm aċċettazzjoni; fil-każ tagħna il-konvenuti. L-aċċettazzjoni trid tkun neċessarjament tippresuponi l-intenzjoni li wieħed jaċċetta l-kwalità tiegħu ta' eredi. Sabiex wieħed jasal biex jikkonkludi li hemm aċċettazzjoni taċita, "dan ried ikun tali li ċertament, neċessarjament u univokament, minnu ma tkunx tista' tiġi inferita konsegwenza oħra ħlief dik li min għamlu ried jaċċetta l-eredità. U l-prova li l-att ikun jirrivesti dawn il-karattri jinkombi lil min jallega li dak l-att jirrivesti dawn il-karattri" (****Nobbli Rosario Ferro Attard Montalto v. Nobbli Charles Vella Bonavita et****, Prim'Awla, Qorti Ċivili, 14 ta' Diċembru 1966).»*

*Flimkien ma' dan l-insenjament jeħtieġ li jiġu kkunsidrati wkoll il-provvedimenti u l-ġurisprudenza rigwardanati r-rinunzja ta' wirt. L-ewwel artikolu li għandu jitqies huwa l-****Artikolu 860 (1) tal-Kodiċi Ċivili*** *fejn jipprovdi li r-rinunzja għall-wirt ma tistax tkun preżunta. Din ir-"rinunzja tista' ssir biss b'dikjarazzjoni ppreżentata fir-reġistru tal-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja fil-gżira fejn il-mejjet kien joqgħod fiż-żmien tal-mewt tiegħu jew b'dikjarazzjoni magħmula b'att ta' nutar pubbliku."*

*L-effett tar-rinunzja huwa radikali. Is-suċċessibbli li validament jirrinunzja għall-wirt jitqies li qatt ma kien werriet.*

*Ta' rilevanza huma wkoll* ***artikoli 869, 881 u 882 tal-Kapitolu 16****:*

> *«869. [...] l-imsejħin għall-wirt, illi jkollhom fil-fatt il-pussess tal-ħwejjeġ tal-wirt, jitilfu, wara tliet xhur mill-ftuħ tas-suċċessjoni jew minn dak in-nhar li jkunu saru jafu li l-wirt imiss lilhom, il-jedd tar-rinunzja għal dak il-wirt, kemm-il darba ma jkunux imxew skont id-dispożizzjonijiet dwar il- benefiċċju tal-inventarju; u, jitqiesu bħala werrieta mingħajr dan il-benefiċċju ukoll jekk kontra dan igħidu illi huma jippossjedu dawk il-ħwejjeġ taħt titolu ieħor."*
>
> *881. Il-werriet li fil-fatt ikollu l-assi tal-wirt f'idejh, għandu jagħmel l-inventarju fi żmien tliet xhur mill-ftuh tas-suċċessjoni, jew minn dak in-nhar li jsir jaf li l-wirt imiss lilu.*
>
> *882. Jekk il-werriet ma jkunx, fi żmien l-ewwel tliet xhur, beda jagħmel l-inventarju, jew ma jkunx lestieh f'dak iż-żmien, jew fi żmien ieħor li jkun ġie lilu mġedded, huwa jitqies li aċċetta l-wirt mingħajr il-benefiċċju tal-inventarju.»*

*Kif dikjarat mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawża* ***Joseph Gauci et vs. Jane Galea et****, deċiża fit-3 ta' April 2003 "[...] jekk il-werrieta ma jkollhomx pussess tal-ħwejjeġ tal-wirt u ma jagħmlux atto di eredità, huma jistgħu, f'kull żmien jirrinunzjaw għall-wirt."*

*In tema legali ssir referenza wkoll għas-sentenza* ***Angelo Zerafa et v. Michelina Azzopardi*** *mogħtija mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fid-27 ta' Marzu 2020:*

> *«Għall-kuntrarju tal-aċċettazzjoni ta' wirt, ir-rinunzja tgħodd biss meta tkun waħda espressa [App. Ċiv. 25.11.1946 fil-kawża fl-ismijiet* ***Azzopardi v. Manġion et*** *(**Kollez. Vol: XXXII.i.423**)] u ssir fl-għamla maħsuba fil-liġi. Huwa meqjus li ladarba tkun saret rinunzja bħal din fis-sura mitluba, dik tkun ukoll rinunzja għall-wirt fis-sustanza. Mar-rinunzja, u mhux qabel, jitnissel il-jedd li wieħed jitlob is-sehem riżervat minn dak il-wirt rinunzjat [P.A. 16.12.1954 fil-kawża fl-ismijiet* ***Debono v. Licari et*** *(**Kollez. Vol: XXXVIII.ii.620**)]. Ir-raġunijiet li l-liġi taħseb għalihom biex werriet ma jistax jirrinunzja għal wirt [Ara, b'eżempju,* ***art. 869 u 870 tal-Kap 16****] huma l-eċċezzjoni għall-effettività ta' rinunzja magħmula. Minbarra dan, il-piż tal-prova li min irrinunzja għal wirt ma setax jagħmel dan, jew li wettaq għemejjel ta' werriet, jaqa' fuq min jallega dak l-għemil [P.A. 14.12.1966 fil-kawża fl-ismijiet* ***Rosario Ferro Attard Montalto v. Charles Vella Bonavita et*** *(mhix pubblikata) konfermata mill-Qorti tal-Appell fid-29.5.1967(**Kollez. Vol: LI.i.340**)]. F'każ li jibqa' dubju, wieħed għandu jqis li l-wirt kien rinunzjat [P.A. 30.10.1884 fil-kawża fl-ismijiet* ***Manġion et v. Deguara*** *(**Kollez. Vol: X.596**)]»*

*Min jallega li werriet tilef il-jedd li jirrinunzja għall-wirt peress li ma rrinunzjax bil-benefiċċju tal-inventarju jew inkella ma rrinunzjax fit-terminu legali jew inkella li qabel irrinunzja għamel atti fil-kwalità ta' werriet, għandu l-oneru li jġib il-prova ta' dak minnu allegat. Fir-rigward issir referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fl-20 ta Jannar 2009 fl-ismijiet* ***Marjano Pace pro et noe v. Carmelo Pace et****:*

> *«Prima facie, jidher li l-preżunzjoni li tirriżulta hi assoluta u ma tippermettix prova kuntrarja. Madankollu l-**Artikolu 852 tal-Kodiċi Ċivili** jipprovdi: "L-ordnijiet mogħtija għall-funerali, l-atti ta' konservazzjoni, jew ta' amministrazzjoni tal-wirt għal xi żmien, ma jġibux aċċettazzjoni tal-wirt meta ma tkunx ittieħdet ukoll il-kwalità ta' werriet.". Fil-kawża **Paolina Fabri et v. Saverio Calleja et** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Imħallef A. Dingli) fis-27 ta' Jannar 1888 [**Volum XI.496**] ġie osservat li, "La disposizione dell'articolo 572 (illum 869) non è punto inconciliabile con quella del 555 (illum 852), trattando questa di Amministrazione provvisoria, e l'altra di possesso reale, con amministrazione definitiva a proprio vantaggio.»*

*Ikkunsidrat;*

*Imiss issa li l-fatti u l-pretensjonijiet tal-partijiet jitqiesu fid-dawl tal-liġijiet u tal-ġurisprudenza applikabbli.*

***Ir-Rinunzji tal-Wirt imħolli minn Maria Meli.***

*Fil-każ odjern ir-rinunzji tal-atturi u ta' żewġ ulied Carmen Vella saru permezz ta' noti ppreżentati fil-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Volontarja) fl-4*

*ta' April 2019. Min-naħa tiegħu l-konvenut Vella rrinunzja għall-wirt ta' nanntu permezz ta' nota ippreżentata fl-1 ta' Lulju 2019 u man-nota ta' rinunzja ppreżenta rikors sabiex isir l-inventarju tal-mobbli li kellu fil-pussess tiegħu. L-atturi min-naħa tagħhom ma għamlu l-ebda rikors sabiex isir inventarju iżda fl-att tar-rinunzja żammew il-jedd għas-sehem riżervat ai termini tal-**Artikolu 861 tal-Kap. 16**.*

*Il-konvenut jinsisti li r-rinunzja tal-atturi mhijiex valida għaliex għad għandhom fil-pussess tagħhom ħwejjeġ tad-defunta li jinsabu f'żewġt ikmamar tad-dar lilu donata u li fihom kienet toqgħod ommhom. Għalhekk jgħid illi sabiex ir-rinunzja tal-atturi tkun valida kellha tkun akkumpanjata minn inventarju tal-oġġetti fil-pussess tal-atturi.*

*Il-werrieta msemmija fit-testment ta' Maria Meli kienu l-atturi li rrinunzjaw għall-wirt f'April 2019 qabel skadew it-tliet xhur kontemplati fil-liġi għalkemm dan it-terminu ma kienx għalihom applikabbli kif ser naraw aktar 'l isfel.*

*(…)*

*Imiss issa li jiġi meqjus jekk kienx hemm aċċettazzjoni tal-wirt min-naħa tal-atturi skont kif qiegħed jallega l-konvenut. Kif ġia ritenut il-konvenut jinsisti li peress li l-atturi għandhom fil-pussess tagħhom iċ-ċavetta tal-kmamar fid-dar 48, Luqa Road, Paola fejn kienet tirrisjedi ommhom u s-safe li jinsab fl-istess kmamar kif ukoll tal-kappella Gesu Nazzareno li tmiss mal-istess dar allura huma aċċettaw il-wirt peress li r-rinunzja tagħhom ma kenitx akkumpanjata minn inventarju tal-mobbli fil-pussess tagħhom.*

*Mix-xhieda mogħtija in kontroeżami taż-żewġ aħwa, irriżulta li Marisa Schirò ma kelliex iċ-ċavetta tad-dar ta' ommha fil-jum tal-mewt tagħha. Marisa Schirò in kontroeżami tal-5 t'April 2022 xehdet illi oħtha Carmen Vella kellha ċ-ċwievet tal-kmamar fejn kienet tirrisjedi ommha iżda hi ma kellhiex.*

*Kif ingħad fil-ġurisprudenza fuq kwotata, irid jintwera li kien hemm il-volontà u l-intenzjoni li b'dak li qiegħed jagħmel is-suċċessibbli jkun qiegħed jaċċetta l-eredità. Il-prova trid tkun waħda univoka. Il-Qorti ma ratx li tressqet prova ta' dik ix-xorta fir-rigward ta' Marisa Schirò. Apparti li ma ġiex muri li Marisa Schirò kellha ċ-ċavetta kif jallega l-konvenut anzi ġie muri mod ieħor, meta Marisa Schirò ġiet mistoqsija in kontroeżami miżmum fil-5 ta' April 2022 jekk hija ħaditx xi ħaġa mill-kmamar ta' ommha wara mewtha x-xhud irrispondiet illi kemm ilha nieqsa ommha qatt ma resqet lejn id-dar. Tali stqarrija tal-attriċi Schirò ma ġiet kontradetta minn ħadd.*

*Kif ġia ritenut mhuwiex ikkontestat mill-attriċi Carmen Vella stess li hija għandha ċ-ċwievet tal-kmamar li kienet tirrisjedi fihom ommha inkluż tas-safe u tal-kappella Ġesù Nazzareno iżda ma rriżultax li għandha ċavetta tal-bieb ta' barra. Fix-xhieda tagħha in kontroeżami hija qalet bl-*

*aktar mod ċar li ċavetta tal-bieb ta' barra ma kellhiex għaliex xi ħadd biddel is-serratura. Il-bdil tas-serratura jidher li seħħ ftit taż-żmien wara li mietet omm l-atturi peress li l-attriċi tgħid li wara l-mewt ta' ommha daħlet darbtejn, darba sabiex tieħu l-ħwejjeġ li fihom tkefnet ommhom u darboħra sabiex taqta' xi frott mill-ġnien. Il-konvenut qatt ma ċaħad li biddel is-serratura tal-bieb ta' barra. Dan jidher li seħħ appena l-atturi skoprew illi ommhom kienet iddonat matul ħajjitha d-dar tagħha lill-konvenut.*

*Minn eżami tal-provi miġjuba jirriżulta b'mod ċar li Carmen Vella ma għamlet l-ebda att b'intenzjoni li tkun werrieta anzi ħalliet dak kollu li ħalliet ommha kif kien u ma messet xejn f'żewġt ikmamar fid-dar tal-konvenut li għalihom m'għandhiex aċċess peress li nbiddlet is-serratura tal-bieb prinċipali tad-dar.*

*In kontroeżami tad-9 ta' Ġunju 2022 Carmen Vella xehdet hekk:*

> *«Dr Joseph Zammit: Okay, mela inti minn dawn it-tliet affarijiet li ser insemmilek jien, il-bieb ta' barra tad-dar, il-bieb tal-kmamar fejn kienet toqghod il-mama' Alla Jaħfrilha u l-bieb tal-Kappella, inti għandek iċ-ċwievet tal-bieb tal-Kappella u għaddejthom it-tifla u għandek iċ-ċwievet ukoll tal-kmamar li jissakkru fejn kienet toqgħod il-mama'.*
>
> *Maria Vella: U żgur għax jiena hemmhekk fil-kmamar tal-mummy wara li mietet mort noħroġ l-affarijiet biex inkeffinha, għad hemm il-ħwejjeġ kollox fuq is-sodda u naħseb anke xi ħobża hemm u xi flixkun luminata jew xi affarijiet ghax il-bqija kollox għadu ta' taħt fuq [...]»*

*Fil-fehma tal-Qorti bil-fatt li l-attriċi Carmen Vella kellha ċ-ċwievet tal-kmamar fejn kienet tirrisjedi ommha mingħajr ma rriżulta b'mod inekwivoku li wara li saret taf bid-donazzjoni kellha ċavetta tal-bieb ta' barra, ma jistax jitqies li aġixxiet qua werrieta. Mingħajr iċ-ċwievet tal-bieb ta' barra tad-dar fejn jirrisjedi l-konvenut Vella ma jistax jitqies li kellha pussess fiżiku tal-ħwejjeġ li jinstabu f'żewġt ikmamar fejn kienet toqgħod ommha.*

*Fi kwalunkwe każ* ***Artikolu 852 tal-Kodiċi Ċivili*** *jipprovdi li "l-atti ta' konservazzjoni, jew ta' amministrazzjoni tal-wirt għal xi żmien, ma jġibux aċċettazzjoni tal-wirt."*

*Rilevanti wkoll il-konsiderazzjoni illi d-dar bil-kmamar inkwistjoni b'kollox ingħataw b'donazzjoni lill-konvenut Vella minn Maria Meli matul ħajjitha u għalhekk ukoll ma jistax jitqies li fil-mewt ta' Maria Meli l-pussess tal-kmamar għadda f'idejn l-attriċi Carmen Vella tenut kont li dawn il-kmamar huma proprjetà u jinstabu f'binja fil-pussess esklussiv tal-konvenut Vella.*

*Għalkemm l-attriċi Carmen Vella spjegat li meta mietet ommha kien għad għandha ċ-ċavetta tal-bieb ta' barra u kienet marret tiġbor xi ħwejjeġ ta' ommha sabiex titkeffen fihom kif ukoll qatet xi frott mill-ġnien, dawn ma jistgħux waħedhom jitqiesu li kienu atti li permezz tagħhom*

*kienet qed taġixxi qua werrieta, aktar u aktar meta seħħew f'mument meta ma kienx għadu lilha magħruf li d-dar, il-kappella, il-ġnien u wieħed mill-garaxxijiet kien ġie donat lill-konvenut Vella. Huwa evidenti għall-Qorti illi l-konvenut Vella, konsapevoli li ommu u zitu ma kinux jafu bid-donazzjoni, ma għarrafhomx mill-ewwel appena mietet omm l-atturi. Il-konvenut ma jagħti l-ebda spjegazzjoni kif qed jippretendi li l-atturi għamlu atti ċari u inekwivoċi li aċċettaw il-wirt ta' ommhom fi żmien meta kien hu stess li żamm mistura d-donazzjoni lilu ta' aktar minn 80% tal-assi tad-defunta li eċċediet b'marġini sproporzjonata is-sehem disponibbli.*

*Kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet* ***Marjano Pace pro et noe v. Carmelo Pace et*** *(Ċit Nru 31/2008 AE) deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar l-20 ta' Jannar 2009 ingħad li:*

> *«Prima facie, jidher li l-preżunzjoni li tirriżulta hi assoluta u ma tippermettix prova kuntrarja. Madankollu l-***Artikolu 852 tal-Kodiċi Civili*** *jipprovdi: "L-ordnijiet mogħtija għall-funerali, l-atti ta' konservazzjoni, jew ta' amministrazzjoni tal-wirt għal xi żmien, ma jġibux aċċettazzjoni tal-wirt meta ma tkunx ittieħdet ukoll il-kwalità ta' werriet.". Fil-kawża* ***Paolina Fabri et v. Saverio Calleja et*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell (Imħallef A. Dingli) fis-27 ta' Jannar 1888 [***Volum XI.496***] ġie osservat li, "La disposizione dell'articolo 572 (illum 869) non è punto inconciliabile con quella del 555 (illum 852), trattando questa di Amministrazione provvisoria, e l'altra di possesso reale, con amministrazione definitiva a proprio vantaggio.»*

*Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet hija l-fehma ta' din il-Qorti illi ma kienx jinkombi fuq l-attriċi Carmen Vella l-obbligu li tirrinunzja għall-wirt bil-benefiċċju tal-inventarju tenut kont li assi ereditarji fil-pussess tagħha ma kienx hemm. Carmen Vella xehdet illi l-istatwi kienet tagħtomlha ommha matul ħajjitha. Dwar flus kontanti iż-żewġ atturi ċaħdu li kellhom fil-pussess tagħhom flejjes appartenenti l-wirt. Carmen Vella xehdet illi kienet tieħu ħsieb il-bżonnijiet kollha ta' ommha u li l-pensjoni ta' ommha kienet tużaha kollha għall-ħtiġijiet tal-istess ommha. Ma nġabet l-ebda prova kuntrarju.*

*Il-Qorti tikkonkludi li l-konvenut ma rnexxilux jipprova sodisfaċentement illi l-atturi għamlu xi att jew atti li minnhom jista' jiġi dedott b'mod ċert u inekwivoku illi aċċettaw taċitament il-wirt ta' ommhom Maria Meli.*

*Il-Qorti għalhekk qed tiċħad l-eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut u tqis li l-atturi rrinunzjaw validament il-wirt ta' ommhom bid-dritt akkwiżit li jitolbu għas-sehem riżervat lilhom spettanti skont il-liġi.»*

21. Din il-Qorti fliet bir-reqqa l-argumenti mressqa u l-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti u taqbel ma' dak li saħqet l-Ewwel

Qorti. Fil-każ ta' Maria Schirò, ma jeżisti l-ebda dubju li r-rinunzja tagħha kienet valida u dan meqjus illi hi ma kellha xejn fil-pussess tagħha li jappartjeni lill-eredità ta' Maria Meli u anqas tressqet xi prova li kellha mobbli jew immobbli li jappartjenu lill-eredità ta' Maria Meli.

22. Fil-każ ta' Maria Carmela *sive* Carmen Vella, huwa veru li hi kellha fil-pussess tagħha ċ-ċwievet tal-kmamar fejn kienet tgħix ommha, u liema kmamar jagħmlu parti mill-proprjetà 48, f'Luqa Road, Paola, madankollu din il-Qorti, wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha, taqbel mal-Ewwel Qorti u ma tistax tqis li Maria Carmela *sive* Carmen Vella aċċettat il-wirt ta' ommha Maria Meli. Dan għax mhux talli saret ir-rinunzja tal-istess wirt b'mod espress u formali kif trid il-liġi iżda għaliex fil-pussess taghha ma kellha l-ebda mobbli jew immobbli.

23. B'żieda ma' dan, kif saħqet l-Ewwel Qorti, fil-mument li Maria Carmela *sive* Vella kienet waħda mill-preżunt eredi, iċ-ċwievet tal-proprjetà, li l-konvenut qiegħed jallega li waslu għall-aċċettazzjoni taċita tal-wirt minnha, u ċjoè l-kmamar li jagħmlu parti mill-proprjetà li kienet ġiet donata lill-konvenut, kienet fil-verità ilha proprjetà tal-konvenut stess minn dakinhar li saret id-donazzjoni favur il-konvenut fl-2013 u konsegwentement iż-żamma tal-istess ċwievet ma setgħet tagħti l-ebda drittijiet lill-attriċi.

24. Dan l-aggravju qiegħed b'hekk jiġi miċħud.

***Ir-Raba' u t-Tieni Aggravju***

25. Il-konvenut fil-każ tar-**raba' aggravju**, jilmenta li fil-każ tal-lum il-prinċipju tal-*ius superveniens* ma japplikax għax bir-rinunzja tal-konvenut għall-eredità ta' Maria Meli, it-talbiet tal-atturi ma baqgħux ireġġu u dan fid-dawl tal-fatt illi l-azzjoni mressqa kienet intiża sabiex l-eredi jħallas is-sehem riżervat.

26. L-atturi appellati wieġbu illi ma ġiex applikat il-*ius superveniens* minħabba li d-dritt għall-porzjon riżervat ilu jeżisti u li mhux konċepibbli kif ir-rinunzja mill-konvenut, għall-eredità ta' Maria Meli għandha twassal ukoll biex l-atturi jitilfu d-dritt li jitolbu s-sehem riżervat u dan meta l-proprjetà donata għadha fil-pussess tal-konvenut. Jagħmlu riferenza għall-**Artikolu 917 tal-Kodiċi Ċivili**.

27. Illi fir-rigward tat-**tieni aggravju**, l-appellant jilmenta illi l-Ewwel Qorti marret *ultra* jew *extra petita* peress li minn sempliċi azzjoni ta' talba għall-ħlas mill-eredi tas-sehem riżervat mil-liġi mill-wirt tal-omm lill-atturi, kif sabet li l-konvenut mhux eredi, marret lil hemm mit-talbiet attriċi tant li l-ebda mis-segwenti deċiżjonijiet ma huma komtemplati fl-azzjoni attriċi.

28. Jisħaq illi l-azzjoni proposta tirrigwarda diviżjoni tal-wirt tal-ġenituri tal-atturi u li l-atturi jitħallsu l-porzjon riżervat fil-każ tal-wirt li ġej mingħand ommhom. Jgħid illi l-Ewwel Qorti għarfet illi l-kawża hija mibnija fuq żewġ binarji, iżda ddeċidiet fuq premessi kompletament differenti u dan billi minn sempliċi azzjoni ta' talba għall-ħlas tas-sehem riżervat lill-atturi, hekk kif l-Ewwel Qorti sabet li l-konvenut ma kienx l-eredi preżunt, tant li ġew imqabbda l-kuraturi, marret lil hemm mit-talbiet attriċi fil-mod kif iddeċidiet.

29. L-atturi appellati wieġbu illi mhux minnu li l-Ewwel Qorti marret *ultra* jew *extra petita* għaliex dak mitlub minnhom kien il-likwidazzjoni tal-porzjon riżervat mill-wirt ta' Maria Meli u s-sehem tagħhom mill-wirt ta' missierhom Arturo Meli u konsegwentement huma għandhom jirċievu tali porzjonijiet.

30. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> ***«L-Azzjoni Attriċi.***
>
> *L-azzjoni attriċi hija msejsa fuq żewġ binarji. Tal-ewwel sabiex jiġi assenjat lilhom is-sehem riżervat skont il-liġi mill-wirt ta' ommhom wara li rrinunzjaw għall-wirt tagħha; filwaqt li tat-tieni sabiex jiġu assenjati il-wirt lilhom imħolli minn missierhom.*
>
> *Ġaladarba kull parti qed tikkontendi li rrinunzjat għall-wirt ta' Maria Meli u ġaladarba kull parti qed tikkontesta r-rinunzja tal-parti l-oħra jeħtieġ l-ewwel u qabel kull konsiderazzjoni oħra li jiġi determinat dwar kull rinunzja pretiża jekk hiex valida skont il-liġi.*
>
> *(….)*
>
> ***Seħħet Leżjoni tas-Sehem Disponibbli u allura tas-Sehem Riżervat***

***tal-Atturi.***

*Huwa evidenti li bid-donazzjoni li t-testatriċi għamlet matul ħajjitha lill-konvenut Vella bis-saħħa ta' kuntratt ta' donazzjoni ppubblikat min-Nutar Sharon Faith Farrugia fit-28 ta' Ġunju 2013 iddisponiet aktar mis-sehem disponibbli biex b'hekk seħħet leżjoni tas-sehem riżervat lill-atturi stante li fil-mument tal-mewt ta' Maria Meli ma kienx hemm assi biżżejjed fil-pussess tagħha sabiex jagħmlu tajjeb għall-ħlas tas-sehem riżervat. Japplika għalhekk* ***Artikolu 1813 tal-Kap. 16*** *li jipprovdi illi jekk fiż-żmien li tinfetaħ is-suċċessjoni tad-donatur jinsab li d-donazzjonijiet jaqbżu s-sehem tal-beni li d-donatur seta' jiddisponi minnu, jiġu mnaqqsa sa dak is-sehem.*

***Ħlas tas-sehem riżervat***

*Ġaladarba l-Qorti stabbilit leżjoni tal-porzjon riżervat, is-sehem riżervat tal-atturi jrid jiġi valutat bil-prezz l-aktar qrib din is-sentenza u ċjoè €1,000,000 fuq id-dar, kappella, ġnien u garaxx Nru 41 u €50,000 għal garaxx bin-numru 43. Dan in linea mal-ġurisprudenza li trid illi:*

> *«Dan il-prinċipju jeżawrixxi ruħu fil-fissazzjoni tal-kriterju li għandu jiġi segwit għall-kalkolu tal-valur tal-assi u tal-kwota tal-leġittima; iżda jekk il-leġittima ma ġietx sodisfatta u, trattandosi ta' beni in natura (mhux flus), ikkonvertiet ruħha, fil-każijiet fejn dan hu konsentit mil-liġi, fi dritt ta' kreditu fi flus id-dritt tal-leġittimarju għandu bħala oġġett "un bene reale" u l-"aestimatio rei" għandha tkun riferita għaż-zmien tal-konverżjoni, ċjoè ż-zmien l-iktar qrib possibbli ghall-pronunzja gjudizzjali u tenut kont ghalhekk ta' xi sopravenuta svalutazzjoni monetarja." (Salvatore Cutajar et. v. Maria Dolores Cutajar et. - Qorti tal-Appell Superjuri - 26 ta' Ġunju, 2009).*

*Bl-istess mod ġie ritenut fis-sentenza fuq imsemmija fl-ismijiet Angelo Zerafa et vs. Michelina Azzopardi mogħtija mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-27 ta' Marzu 2020:*

> *31. Illi fi kwestjoni li tolqot il-likwidazzjoni tas-sehem riżervat huwa ġudizzjarjament stabilit li l-kriterju tal-valutazzjoni tal-ġid kellu jkun dak ta' kemm kien jiswa tali ġid fiż-żmien li nfetaħ il-wirt u fil-kundizzjoni li tali ġid kien dak iż-żmien, u b'mod iżjed preċiż: "li, għall-finijiet tal-operazzjoni preliminari ta' komputa li hija r-riunjoni fittizja tal-assi ereditarju in kwantu diretta għar-rikostruzzjoni tal-patrimonju kollu tad-decuius (li l-liġi tikkunsidra bħala terminu ta' riferiment għad-determinazzjoni tal-kwota disponibbli u, b'rifless ta' dik indisponibbli, anke biex talvolta tiġi affermata jew eskluża l-eżistenza tal-leżjoni tal-leġittima) bilfors wieħed irid jirriporta ruħu għall-valuri fiż-żmien tal-apertura tas-suċċessjoni, tenut kont, naturalment, f'dan ir-rigward, tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi relattivi għall-kollazzjoni". Iżda, "jekk il-leġittima ma ġietx sodisfatta u, trattandosi ta' beni in natura (mhux flus), ikkonvertiet ruħha, fil-każijiet fejn dan hu konsentit mil-liġi, fi dritt ta' kreditu fi flus, id-dritt tal-leġittimarju għandu bħala oġġett "un bene reale" u l-"aestimatio rei" għandha tkun riferita għaż-żmien tal-konverżjoni, cioe` ż-żmien l-iktar qrib possibbli għall-pronunzja*

> *ġjudizzjali u tenut kont għalhekk ta' xi sopravenuta svalutazzjoni monetarja"[ App. Ċiv. 10.12.1973 fil-kawża fl-ismijiet Conċetta Vella et v* ***Giuseppe Buġeja et*** *(mhix pubblikata)]*
>
> *[…]*
>
> *Illi l-fatt li l-atturi appellanti jgħidu li ladarba huma rrinunzjaw għalkollox għall-wirt, irrinunzjaw ukoll għal-legat, ma jfissirx li b'daqshekk il-ħaġa li kienet tħallitilhom b'legat ma tibqax tgħodd biex tingħatalhom bi ħlas tas-sehem riżervat spettanti lilhom.*
>
> *[...]*
>
> *........ma tarax li għandha tfixkel id-diskrezzjoni mħaddma mill-ewwel Qorti meta "assenjat" lill-atturi appellanti l-fond fi Triq Sant'Antnin b'sehemhom mil-leġittima, flimkien mal-ekwiparazzjoni stabbilita fl-istess sentenza. Din il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha torbot il-likwidazzjoni tal-valur tas-sehem riżervat magħmula mill-ewwel Qorti mal-kwestjoni tal-inċertazza tal-ammont ta' rikavat li l-fond jista' jġib jekk u meta jinbiegħ b'irkant, jew trasferit mod ieħor mill-atturi appellanti. L-għan ta' sentenza huwa li jtemm il-pendenzi bejn il-partijiet u mhux iħallihom fi stat ta' inċertezza. Il-biżgħa tal-atturi appellanti li f'każ li jitfgħu l-post f'irkant ġudizzjarju ma jġibx il-prezz li bih stmah il-perit ġudizzjarju ma jwassalx b'daqshekk għall-ħolqien ta' jedd li l-appellata "tissussidjahom" fuq in-nuqqas tal-istess rikavat. Hekk ukoll f'każ li l-appellanti jseħħilhom iġibu rikavat ogħla għall-post minn dak li stmah il-perit, ma jobbligahomx jirrifondu lill-appellata dak l-eċċess;»*

*Fuq l-iskorta tas-sentenzi ċitati u b'applikazzjoni tal-**Artikolu 616 (1) tal-Kodiċi Ċivili**, il-valur ta' terz tal-beni tat-testatriċi Maria Meli riuniti b'mod fittizju huwa fis-somma ta' €361,528.37. Jirriżulta għalhekk li s-sehem dovut lill-atturi bħala porzjon riżervat huwa fis-somma ta' mija u tmenin elf, seba' mija u erbgħa u sittin ewro u tmintax-il ċenteżmu (€180,764.18) kull waħda minnhom.*

*Kif rajna, fil-mori tal-kawża l-konvenut Joseph Vella rrinunzja għall-wirt ta' Maria Meli tant li fuq talba tal-atturi l-Qorti innominat kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw l-eredità ġjaċenti ta' Maria Meli.*

*Minħabba li kien hemm dan l-iżvilupp fil-kors tas-smigħ tal-kawża l-Qorti ser tapplika l-prinċipju tal-ius superveniens[11] fis-sens illi ġaladarba fil-mori tal-kawża l-konvenut Vella rrinunzja għall-eredità ta' Maria Meli, għandu jirrispondi għat-talbiet attriċi qua donatarju tal-istess donazzjoni mertu tal-kawża leżiva tas-sehem riżervat tal-atturi.*

*Għalhekk ai termini tal-**Artikolu 1813 tal-Kap. 16** qed tnaqqas id-donazzjoni magħmula minn Maria Meli lill-konvenut Vella bis-somma ta' €361,528.37. Din is-somma għandha titħallas lill-atturi fl-ewwel lok mir-rikavat tal-bejgħ tal-garaxx numru 43, Triq Ħal Saflieni, Paola u mill-flus appartenenti lil Maria Meli li kienu jinsabu depożitati mal-Bank of Valleta*

---

[11] Ara ***Camcas Limited v. Michael Farrugia*** - Appell Superjuri - 4 ta' Mejju, 2022.

*plc u mal-HSBC Bank Malta plc. Fit-tieni lok il-bilanċ tas-sehem riżervat jitħallas mill-immobbli donat sakemm il-konvenut Joseph Vella qua donatarju ma jużufruwiex ruħu mill-fakultà mogħtija permezz tal-* ***Artikolu 653 tal-Kap. 16*** *moqri flimkien mal-**Artikolu 1819 tal-Kap. 16**.*

*Il-Qorti, għalhekk sejra tibda billi tordna l-bejgħ tal-garaxx numru 43, Triq Ħal Saflieni, Paola, stmat mill-perit tekniku €50,000.00.*

*Bl-aħħar testment ta' Maria Meli ġie mħolli b'legat lill-konvenut Vella garaxx illum iġib in-numru 41. Fil-verità dan il-garaxx huwa r-remissa li tissemma fl-att ta' donazzjoni. Isegwi għalhekk illi dan il-legat m'għandux effett.*

*Rilevanti f'dan l-istadju li jsir aċċenn għall-**Artikolu 1818 tal-Kodiċi Ċivili**:*

> *«It-tnaqqis tad-donazzjonijiet ma jsirx ħlief wara li ma jkun fadal xejn iżjed mill-valur tal-beni kollha mdaħħlin fit-testment; u kemm-il darba dan it-tnaqqis ikollu jsir, għandu jibda jsir mill-aħħar donazzjoni u hekk waħda wara l-oħra, billi wieħed jitla' minn tal-aħħar għal dawk ta' qabel.»*

*Miegħu jrid jinqara wkoll l-**Artikolu 1819***

> *£1819. Ir-radd tal-ħaġa taħt id-dispożizzjonijiet tal-aħħar artikolu qabel dan, isir bir-radd tal-ħaġa nfisha, bla ħsara ta' dak li jingħad fl-artikolu 653.»*

*Bis-saħħa ta' dawn il-provvedimenti, meta ma jkunx fadal aktar assi sabiex isir il-ħlas tas-sehem riżervat, il-Qorti għandha ddur għal dak li ġie donat, f'ordni li l-ewwel jitnaqqas dak li ngħata l-aħħar b'donazzjoni. F'dan il-każ huwa ċar li l-proprjetà bin-numru 48, fi Triq Luqa, flimkien mar-remissa (garaxx numru 41), kappella u ġnien ġew donati lill-konvenut b'kuntratt ta' donazzjoni waħda.*

*In tema legali tagħmel referenza għad-digriet fl-ismijiet* **Peter Paul Engerer v. Nicholas Engerer** *mogħti minn din il-Qorti diversament presjeduta (118/15JRM) fit-2 ta' Marzu 2015. Għalkemm dan huwa digriet wara li ġie intavolat rikors għall-ħruġ ta' Mandat t'Inibizzjoni, l-insenjament hemm mogħti japplika għall-każ odjern:*

> *«Tqis li ladarba r-rikorrenti iddikjaraw espressament li l-għan tagħhom għall-ħruġ tal-Mandat huwa li jikkonservaw l-assi tal-wirt ta' ommhom ħalli jkunu jistgħu jissoddisfaw il-pretensjoni tagħhom għas-sehem riżervat dovut lilhom mill-istess wirt, il-pretensjoni ma tistax titqies biss bħala waħda ta' kreditu, imma titlob li l-ħaġa nnifisha – f'dan il-każ l-appartament – tinżamm bla mittiefsa. Għaliex hija dik il-ħaġa nnifisha li jkollha terġa' tiddaħħal lura fl-assi tal-wirt, jekk tabilħaqq joħroġ li d-donazzjoni magħmula minn omm ir-rikorrenti kienet taqbeż is-sehem li hija setgħet tiddisponi minnu bi ħsara tal-jedd tagħhom għas-sehem riżervat.»*

*B'referenza għall-**Artikolu 653 tal-Kodiċi Ċivili** l-Qorti tqis illi l-proprjetà donata għandha titħalla fl-intier tagħha u mhux tiġi diviża, b'mod partikolari minħabba l-arkitettura vernakulari tagħha li timmerita li tiġi protetta bħala entità immobiljari waħda.*

*Fir-rapport tiegħu l-Perit Tekniku Godwin Abela kkalkula li l-proprjetà kollha inkluż bil-garaxx numru 41, r-remissa u l-kappella għandha footprint ta' ċirka 612 metri kwadri u l-prezz li ta għal din il-proprjetà kien ta' €1,000,000.*

*Għaldaqstant, tenut kont li l-bejgħ tal-garaxx 43, Triq Ħal Saflieni, Paola, mhux ser ikun biżżejjed sabiex jiġi sodisfatt is-sehem riżervat dovut lill-atturi, il-Qorti ser tordna li jinbiegħ ukoll il-fond donat lill-konvenut Vella permezz ta' liema donazzjoni ġie leż is-sehem riżervat dovut lill-atturi; kemm-il darba l-konvenut Vella ma jħallasx id-differenza bejn il-quantum tas-sehem riżervat komplessiv tal-atturi fuq naħa, u r-rikavat mill-bejgħ tal-garaxx numru 43 u l-flejjes depożitati fil-banek appartenenti lid-de cuius fuq in-naħa l-oħra.»*

31. Din il-Qorti fliet bir-reqqa l-argumenti mressqa fir-rigward tal-kwistjoni tal-*ius superveniens* u tqis li l-ilment tal-appellant f'dan is-sens huwa mingħajr ebda bażi.

32. Jidher li l-konvenut appellant qiegħed jaħrablu l-fatt li l-kawża tal-lum baqgħet għaddejja mhux biss fil-konfront tal-konvenut iżda kompliet ukoll fil-konfront tal-eredità ġjaċenti tal-mejta Maria Meli li għaliha ġew appuntati l-kuraturi fil-mori tal-istess kawża.

33. Għad li l-konvenut appellant irrinunzja għall-wirt ta' Maria Meli meta ppreżenta nota ta' rinunzja fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja)[12], il-kawża mibdija mill-atturi xorta waħda baqgħet l-istess, *viz*. li huma jiġu mħallsa tas-sehem riżervat tagħhom li jmisshom mill-wirt

[12] *Fol*. 81.

ta' Maria Meli u dan wara li tiġi meqjusa wkoll id-donazzjoni li Maria Meli kienet tat lill-konvenut appellanti meta kienet għadha ħajja.

34. Fis-sewwa, huwa biss il-*locus standi* tal-konvenut li nbidel waqt il-kawża. Dan għaliex filwaqt li meta nfetħet din il-kawża huwa ġie mħarrek bħala werriet preżunt ta' Maria Meli għaliex sa dakinhar huwa kien għadu ma rrinunzjax għall-wirt; min-naħa l-oħra malli huwa rrinunzja għall-wirt huwa ma baqax aktar imħarrek bħala werriet. Kemm hu hekk minn hemmhekk 'il quddiem, il-post tiegħu bħala rappreżentant tal-wirt ta' Maria Meli ħaduh il-kuraturi deputati li ġew maħtura mill-Qorti.

35. Ma jirriżultax għalhekk li nbiddlet in-natura tal-kawża mibdija mill-atturi minħabba l-fatt li l-konvenut appellant ma żammx l-istat tiegħu ta' werriet ta' Maria Meli. Il-premessi u t-talbiet imressqa mill-atturi, kemm qabel u kemm wara li l-konvenut appellant irrinunzja għall-eredità ta' Maria Meli, kienu u baqgħu dawk li huma jirċievu s-sehem riżervat dovut lilhom u dan skont m'għandhom id-dritt li jieħdu u dejjem b'referenza għad-donazzjoni mogħtija minn Maria Meli.

36. Illi din il-Qorti tagħmel referenza hawnhekk għall-kawża fl-ismijiet ***Francesco Saverio Fava v. Elisabetta Camilleri et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar l-10 ta' Diċembru, 1954. F'sitwazzjoni kemmxejn inversa, kien l-attur li fil-mument li ġiet imressqa l-kawża kien preżunt eredi iżda dan irrinunzja għall-eredità fil-mori ta' dik il-kawża.

F'dak il-każ il-Prim'Awla kkunsidrat illi:

> *«Illi din it-teorija tinsab rikonoxxuta u ġiet diversi drabi applikata mill-Qrati Tagħna u dan għall-ekonomija tal-ġudizzju u tal-ispejjeż. Din l-applikazzjoni tirrikorri meta, mingħajr tibdil fit-talba, il-kawża tibqa' inkwadrata kif tkun bl-oġġett u l-kawżali li jkollha (**Kollez. XXXI – I -558; XXXII-I-616; XXXIII-I-252**),»*

37. Jiġi mtenni illi fil-każ tal-lum dak li nbidel kienet biss ir-relazzjoni tal-konvenut fil-konfront tal-atturi u dan fil-parametri tal-kawża billi flok l-eredi preżunt il-konvenut baqa' fil-kawża bħala d-donatarju ta' Maria Meli.

38. F'dan il-kuntest, il-konvenut appellant lanqas m'għandu raġun jgħid li huwa ma kellux jibqa' fil-kawża ladarba huwa rrinunzja għall-wirt. Il-ħtieġa li huwa jibqa' fil-kawża kienet meħtieġa minħabba l-fatt li l-atturi kienu qegħdin jitolbu f'din il-kawża biex fil-komputazzjoni tas-sehem riżervat tagħhom tiġi meqjusa wkoll id-donazzjoni li l-konvenut appellant irċieva mingħand Maria Meli.

39. Fuq kollox il-leġittimazzjoni passiva tiegħu f'din il-kawża hija msaħħa wkoll bid-dispożizzjoni tal-**Artikolu 1822(1) tal-Kodiċi Ċivili**, li tgħid li azzjoni għat-tnaqqis jew għar-rivendikazzjoni ta' donazzjoni tista' tinġieb 'il quddiem kontra l-persuni li bħall-konvenut appellant ikunu rċevew id-donazzjoni.

40. Konsegwentement din il-Qorti ma tqisx illi l-Ewwel Qorti aġixxiet b'mod skorrett meta applikat il-prinċipju tal-*ius superveniens* minħabba

bdil fil-*locus standi* tal-konvenut. Meta nfetħet il-kawża l-konvenut appellanti kellu jwieġeb għat-talbiet attriċi bħala l-werriet preżunt ta' Maria Meli; u wara li huwa rrinunzja għall-wirt, waqt li kienet miexja l-kawża, huwa kellu xorta waħda jibqa' fil-kawża biex iwieġeb għat-talbiet attriċi ladarba dawn kienu qegħdin jitolbu li d-donazzjoni li huwa rċieva mingħand Maria Meli kellha tiġi meqjusa fil-likwidazzjoni tas-sehem riżervat tagħhom.

41. Jiġi b'hekk, li minkejja l-bdil fil-*locus standi* tiegħu waqt il-mixi tal-kawża, l-atturi xorta kien għad kellhom pretensjoni kontrih bħala l-persuna li rċieva donazzjoni li kienet tivvjola s-sehem riżervat tagħhom. Mhuwiex loġiku li l-konvenut appellanti jippretendi li l-atturi kellhom joqgħodu jiftħu kawża ġdida kontrih għat-tnaqqis u r-rivendikazzjoni tad-donazjoni biex huma jiġu mħallsa s-sehem riżervat tagħhom għas-sempliċi fatt li huwa rrinunzja għall-wirt.

42. Bit-tħaddim tal-prinċipju tal-*ius superveniens* ma kien hemm xejn xi jżomm li l-kawża tal-atturi tkompli kontra l-konvenut mhux aktar fil-libsa tiegħu ta' werriet preżunt iżda fil-libsa tiegħu tal-persuna li rċieva d-donazzjoni.

43. Ir-raba' aggravju tiegħu għalhekk qiegħed jiġi miċħud, b'dana li l-Qorti qiegħda tagħmilha ċara illi l-konvenut huwa leġittimu kontradittur

għat-talbiet attriċi sa fejn huwa donatarju tal-post li l-atturi jridu li jiġi meqjus għall-għanijiet tal-likwidazzjoni u l-ħlas tas-sehem riżervat li jmiss lilhom mill-wirt ta' Maria Meli.

44. Fir-rigward tat-**tieni aggravju**, din il-Qorti tibda billi tgħid li l-Ewwel Qorti bilfors kellha tgħaddi sabiex tillikwida u tordna l-ħlas tas-sehem riżervat, ladarba dawn kienu jifformaw parti mit-talbiet attriċi.

45. Madankollu l-konvenut appellant jilmenta mill-fatt li l-Ewwel Qorti marret *ultra* jew *extra petita* meta qalet hekk fid-*decide* tagħha:

> *7. Tiddikjara illi d-donazzjoni magħmula minn Maria Meli lill-konvenut Joseph Vella bis-saħħa ta' att pubbliku tat-28 ta' Ġunju, 2013 in atti Nutar Sharon Faith Farrugia qabżet is-sehem disponibbli ta' Maria Meli u illedit is-sehem riżervat tal-atturi b'dan illi għandha titreġġa' lura fil-massa ereditarja tad-defunta Maria Meli kemm-il darba ma jsirx il-ħlas għas-saldu tas-sehem riżervat lill-atturi skond kif deċiż hawn taħt f'paragrafu 11 tad-decide;*
>
> *8. Tordna l-bejgħ b'sub hasta tal-garaxx 43, Triq Ħal Saflieni, Paola.*
>
> *9. Tordna li r-rikavat tal-bejgħ b'subhasta tal-garaxx 43, Triq Ħal Saflieni, Paola, jiġi mogħti lill-atturi nofs kull waħda minnhom akkont tas-sehem riżervat lilhom dovut kif fuq deċiż;*
>
> *10. Tordna li l-flejjes kollha depożitati mal-Bank of Valletta plc u mal-HSBC Bank Malta plc f'isem id-defunti Arturo u Maria konjuġi Meli sew jekk individwalment sew jekk f'kontijiet f'isimhom it-tnejn jiġu assenjati lill-atturi nofs kull waħda minnhom akkont tas-sehem riżervat lilhom dovut kif fuq deċiż;*
>
> *11. Tordna l-bejgħ b'subbasta tal-fond tmienja u erbgħin (48), Triq Ħal Luqa, Paola, bil-kappella, bil-ġnien u l-ġaraxx numru wieħed u erbgħin (41), Triq Ħal Saflieni, Paola, sabiex mir-rikavat jitħallas lill-atturi l-bilanċ tas-sehem riżervat lilhom spettanti wara li jitħallsu l-akkonti fuq imsemmija. Il-bilanċ mir-rikavat jiġi mgħoddi lill-konvenut Joseph Vella; b'dan illi tali bejgħ ma għandux iseħħ jekk kemm-il darba l-konvenut Joseph Vella jużufruwixxi ruħu mill-fakultà mogħtija bl-**Artikolu 653 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta** u jħallas lill-atturi l-imsemmi bilanċ*

> *dovut sa mhux aktar tard minn tliet xhur mid-data tal-bejgħ b'sub hasta tal-garaxx numru 43, Triq Ħal Saflieni Paola. B'hekk tiddisponi mis-sitt talba attriċi.*

46. Illi din il-Qorti ma taħsibha xejn bħall-appellant f'dan is-sens.

47. Meta jitqajjem l-aggravju tal-*ultra petita* huwa meħtieġ li wieħed jara x'ikun intalab fl-att promotur. Il-kriterju hu li t-talba f'kawża titqies minn dak li jissemma fl-att li bih il-kawża tinbeda. Mill-formulazzjoni ta' dak l-att tal-bidu, wieħed ikun jista' jqis jekk dak mogħti fis-sentenza jkunx għal kollox 'il barra minn dak li ntalab (*extra petita*) jew ikunx aktar minn dak li ntalab (*ultra petita*). Ikun hemm każ ta' eċċess bħal dan fejn il-ġudikant jibbaża r-raġuni tad-deċiżjoni fuq titolu, kawżali jew fatt ġuridiku, essenzjalment differenti minn dak li, permezz ta' azzjoni jew eċċezzjoni, jiġi dedott mill-partijiet in sostenn tal-konklużjonijiet tagħhom (ara ***Grazio Mercieca: Mezzi Straordinarji ta' Impunjazzjoni tas-Sentenzi***, **p. 145**). Dan il-każ ma jgħoddx fih iċ-ċirkostanza fejn Qorti tipprovdi rimedju li, għalkemm ma jissemmiex bħala talba espressa, joħroġ *ex necessaria consequentia* minn talba oħra li tkun magħmula (ara Appell Ċivili fil-kawża fl-ismijiet ***Giovanna Saguna pro et noe v. Giuseppe Vella*** deċiża 5 ta' Frar, 1934 (**Kollez. Vol: XXVIII.i.818**).

48. It-talbiet tal-atturi kienu biex huma jiġu mħallsa tas-sehem riżervat tagħhom u ma jirriżultax li l-Ewwel Qorti qabżet dawn il-parametri meta ġiet għad-*decide* tagħha.

49. Il-ħtieġa tal-Ewwel Qorti li ddaħħal fix-xena d-donazzjoni li rċieva l-konvenut appellant biex tagħmel tajjeb għas-sehem riżervat tal-attur saret fid-dawl ta' dak li jiddisponi l-**Artikolu 1818 tal-Kodiċi Ċivili**, li jgħid li għandu jiġi operat it-tnaqqis tad-donazzjonijiet meta ma jkun fadal xejn iżjed mill-valur tal-beni kollha mdaħħlin fit-testment.

50. Il-konvenut appellanti ma jistax jgħid li huwa ma kienx jaf li l-atturi kienu qegħdin jippretendu li d-donazzjoni tiġi meqjusa fil-likwidazzjoni u fil-ħlas tas-sehem riżervati għaliex il-premessi tar-rikors maħluf u t-talbiet attriċi jagħmlu riferenza speċifika għal din id-donazzjoni.

51. Għalhekk kull ordni li l-Ewwel Qorti tat b'rabta ma' din id-donazzjoni ngħatat fil-kuntest tat-talbiet attriċi għal-likiwdazzjoni u l-ħlas tas-sehem riżervat tagħhom.

52. Hekk pereżempju dwar is-seba' kap tas-sentenza appellata jiġi meqjus illi t-talbiet tal-atturi kienu jinkludu illi d-donazzjonijiet mogħtija tul ħajjet Maria Meli jiġu mqiegħda lura fil-patrimonju tagħha bl-iskop li jiġi kkalkulat kemm hu dovut is-sehem riżervat. Isegwi, li jekk mill-kalkoli magħmula, id-donazzjoni mogħtija lill-konvenut tledi d-dritt tal-atturi li jieħdu s-sehem dovut lilhom, kif fil-fatt ġara f'dan il-każ, mela huwa naturali illi dan kellu jiġi ddikjarat mill-Ewwel Qorti stante li mingħajr dik

id-dikjarazzjoni ma tista' ssir l-ebda likwidazzjoni.

53. L-istess jingħad dwar il-ħdax-il kap tas-sentenza appellata. L-Ewwel Qorti ma qabżitx il-parametri tal-azzjoni meta ordnat il-bejgħ bl-irkant ġudizzjarju tal-ġid donat għaliex tali ordni taqa' fl-ambitu tat-talbiet attriċi biex huma jitħallsu s-sehem riżervat tagħhom.

54. Jista' jkun li l-Ewwel Qorti żbaljat legalment meta qalet f'dan il-kap tas-sentenza appellata li l-bilanċ li jibqa' mill-bejgħ tal-ġid donat, wara li jitħallas is-sehem riżervat tal-atturi, għandu jingħata lill-konvenut appellant. Dan għaliex l-**Artikoli 1819, 1821** u **1822 tal-Kodiċi Ċivili** jitkellmu fuq ir-radd lura u r-rivendikazzjoni tad-donazzjoni fil-patrominju tal-mejjet, meħlus minn kull dejn jew ipoteka magħmulin fuqhom mid-donatarju. Madankollu la l-atturi u lanqas il-kuraturi ma appellaw minn din l-ordni tal-Ewwel Qorti li l-konvenut għandu jitħallas il-bilanċ li jifdal mill-bejgħ wara li li l-atturi jitħallsu l-ammont dovut lilhom bħala sehem riżervat. Għalhekk din il-Qorti hija mxekkla li tmiss aktar fuq dan il-punt.

55. Li tista' tgħid għall-għanijiet ta' dan l-appell huwa biss li l-Ewwel Qorti ma ħarġitx 'il barra mill-parametri tal-kawża u tat-talbiet attriċi meta fil-likwidazjoni u fil-kundanna tal-ħlas tas-sehem riżervat hija tat ordnijiet li għandhom x'jaqsmu mal-ġid donat lill-konvenut appellant.

56. It-tieni aggravju tal-konvenut għalhekk qiegħed jiġi miċħud ukoll.

***L-Ewwel Aggravju***

57. Illi permezz ta' dan l-aggravju, il-konvenut jilmenta li għalkemm l-Ewwel Qorti bħal donnu rrikonoxxiet illi l-konvenut ma kienx il-leġittimu kontradittur, u dan mill-konsiderazzjonijiet magħmula minnha, xorta waħda ċaħdet l-istess eċċezzjoni preliminari mressqa minnu.

58. Jilmenta li dan jidher biċ-ċar ukoll mill-fatt illi ċaħdet ir-raba' talba tal-atturi għall-assenjazzjoni tal-porzjon likwidat lill-konvenut u dan minħabba li ġew appuntati kuraturi għall-mejta Maria Meli. Jisħaq illi hu ressaq tali eċċezzjoni peress li rrinunzja għall-wirt tal-mejta Maria Meli.

59. L-appellati wieġbu illi dan l-aggravju għandu jiġi miċħud peress li sakemm huwa rrinunzja għall-eredità ta' Maria Meli, huwa kien l-eredi preżunt ta' Maria Meli.

60. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet li wassluha tiċħad l-eċċezzjoni tal-konvenut:

> *«Il-konvenut kien inizzjalment laqa' għat-talbiet atttriċi b'eċċezzjoni unika li ma kienx il-leġittimu kontradittur. Peress li din l-eċċezzjoni ma ġietx irtirata jeħtieġ li tiġi deċiża. Meta l-kawża odjerna ġiet intavolata fl-20 ta' Mejju 2019 il-konvenut Vella kien suċċessibbli għall-wirt ta' Maria Meli. Għalhekk m'għandux ikun hemm dubju li f'dak il-mument kellu l-leġittimità passiva fl-azzjoni mressqa mill-atturi. Għalkemm fil-mori tal-kawża rrinunzja għall-wirt de quo, ma ġietx nieqsa l-leġittimità passiva*

*tiegħu in kwantu huwa wkoll id-donatarju tad-donazzjoni leżiva tad-drittijiet tal-atturi u għalhekk ukoll jibqa' l-leġittimu kontradittur. L-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Vella qed tiġi għalhekk respinta.»*

61. Illi tenut kont dak indirizzat fl-aggravji preċedenti, din il-Qorti taqbel ma' dak ikkunsidrat mill-Ewwel Qorti u tqis li għalkemm il-konvenut mhuwiex qiegħed jitqies bħala leġittimu kontradittur fil-kawża bħala l-eredi ta' Maria Meli, tant li tqabbdu l-kuraturi, il-konvenut xorta waħda m'għandux jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju minħabba li bil-fatt li hu rċieva donazzjoni ta' valur li ppreġudikat l-interessi tal-atturi jsegwi li l-istess konvenut għandu jkun preżenti fil-kawża skont l-**Artikolu 1822(1) tal-Kodiċi Ċivili** sabiex iwieġeb għal dan il-fatt.

62. Fuq kollox u kif saħqet l-Ewwel Qorti l-konvenut huwa l-persuna li permezz tad-donazzjoni mogħtija minn Maria Meli, irċieva dawk l-assi li tagħhom trid issir it-tnaqqis u r-rivendika sabiex l-atturi jkunu jistgħu jirċievu l-porzjoni riżervata fil-kwota dovuta lilhom.

63. Konsegwentement dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

**Is-Sitt Aggravju**

64. Il-konvenut appellant jilmenta f'dan l-aggravju illi ma jagħmel l-ebda sens illi l-valur tad-dar meħud huwa dak l-aktar riċenti fil-waqt illi l-imgħaxijiet bdew jiddekorru minn dakinhar tal-mewt tat-testatriċi.

65. L-atturi appellati saħqu li kif kellhom id-dritt li jagħmlu, ressqu t-talba għas-sehem riżervat fi żmien sentejn u li kif dehrilha li kien sew l-Ewwel Qorti ordnat illi għandhom jitħallsu l-imgħaxijiet bit-8% skont l-**Artikolu 1139 tal-Kodiċi Ċivili**.

66. Illi kemm il-kwistjoni tal-imgħax u kemm il-kwistjoni tal-valur li għandha tingħata lill-proprjetà sabiex jiġi kkalkulat il-porzjon riżervat huma żewġ kwistjonijiet separati u distinti minn xulxin u li matul iż-żmien ġew indirizzati separatament minn xulxin.

67. Illi fir-rigward tal-istima mogħtija lill-proprjetà inkwistjoni u li abbażi tagħha sar il-kalkolu tas-sehem riżervat, l-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *«Ġaladarba l-Qorti stabbilit leżjoni tal-porzjon riżervat, is-sehem riżervat tal-atturi jrid jiġi valutat bil-prezz l-aktar qrib din is-sentenza u ċjoè €1,000,000 fuq id-dar, kappella, ġnien u garaxx Nru 41 u €50,000 għal garaxx bin-numru 43. Dan in linea mal-ġurisprudenza li trid illi:*
>
> > *«Dan il-prinċipju jeżawrixxi ruħu fil-fissazzjoni tal-kriterju li għandu jiġi segwit għall-kalkolu tal-valur tal-assi u tal-kwota tal-leġittima; iżda jekk il-leġittima ma ġietx sodisfatta u, trattandosi ta' beni in natura (mhux flus), ikkonvertiet ruħha, fil-każijiet fejn dan hu konsentit mil-liġi, fi dritt ta' kreditu fi flus id-dritt tal-leġittimarju għandu bħala oġġett "un bene reale" u l-"aestimatio rei" għandha tkun riferita għaż-żmien tal-konverżjoni, ċjoè ż-zmien l-iktar qrib possibbli għall-pronunzja ġudizzjali u tenut kont għalhekk ta' xi sopravenuta svalutazzjoni monetarja." (**Salvatore Cutajar et v. Maria Dolores Cutajar et** - Qorti tal-Appell Superjuri - 26 ta' Ġunju, 2009).*
>
> *Bl-istess mod ġie ritenut fis-sentenza fuq imsemmija fl-ismijiet **Angelo Zerafa et v. Michelina Azzopardi** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-27 ta' Marzu 2020*
>
> *...*

*Fuq l-iskorta tas-sentenzi ċitati u b'applikazzjoni tal-A***rtikolu 616 (1) tal-Kodiċi Ċivili***, il-valur ta' terz tal-beni tat-testatriċi Maria Meli riuniti b'mod fittizju huwa fis-somma ta' €361,528.37. Jirriżulta għalhekk li s-sehem dovut lill-atturi bħala porzjon riżervat huwa fis-somma ta' mija u tmenin elf, seba' mija u erbgħa u sittin ewro u tmintax-il ċenteżmu (€180,764.18) kull waħda minnhom.*

68. Illi din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura f'dak li saħqet l-Ewwel Qorti u dan tenut kont illi l-iskop tal-kawża huwa li jiġi llikwidat is-sehem riżervat u fi kwistjoni li tolqot il-likwidazzjoni tas-sehem riżervat huwa ġudizzjarjament stabbilit li l-kriterju tal-valutazzjoni tal-ġid kellu jkun dak ta' kemm kien jiswa tali ġid fiż-żmien li ssir il-likwidazzjoni (ara ***Carmel Grima et v. Saviour Grima*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-21 ta' Lulju, 2021).

69. Illi fir-rigward tal-imgħaxijiet legali, l-Ewwel Qorti, qieset is-segwenti:

*«Is-***sub-artikolu 2 tal-Artikolu 615 tal-Kodiċi Ċivili*** jipprovdi hekk:*

> *«[...] Mgħaxijiet bir-rata stabbilita fl-artikolu 1139 għandhom jiġu miżjuda ma' dak il-kreditu mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni jekk is-sehem riżervat jintalab fi żmien sentejn minn dik id-data, jew mid-data tan-notifika ta' att ġudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun għadda dak il-perjodu ta' sentejn: Iżda l-Qorti tista', fejn iċ-ċirkostanzi tal-każ hekk jeħtieġu, tiddeċiedi li ma jingħatax imgħax jew tistabbilixxi rata ta' imgħax li tista' tkun inqas minn dik stipulata fl-artikolu 1139.»*

*Ir-rata ta' mgħax imsemmija tal-***Artikolu 1139*** hija ta' tmienja fil-mija (8%).*

*Il-ftuħ tas-suċċessjoni ta' Maria Meli seħħet fil-jum tal-mewt tagħha u ċjoè fis-17 ta' Ottubru, 2018. Il-Qorti ma ssib l-ebda raġuni għaliex m'għandhiex takkorda mgħax jew għaliex għandha takkorda mgħax f'rata anqas. Kienet id-donazzjoni lill-konvenut Vella li waslet għal-*

*leżjoni tas-sehem riżervat dovut lill-atturi; leżjoni li kienet manifesta fil-jum li seħħet id-donazzjoni tenut kont l-età avvanzata li kellha Maria Meli meta tat id-donazzjoni lill-konvenut Vella. Tant li l-konvenut Vella żamm id-donazzjoni mistura minn ommu sew qabel mietet Maria Meli kif ukoll wara li mietet. Kien biss mingħand in-nutar inkarigata wara l-mewt ta' Maria Meli li l-atturi saru jafu li ommhom iddonat matul ħajjitha l-assi immobiljari prinċipali li kellha lill-konvenut. Il-Qorti tqis illi l-kreditu tal-atturi kontra l-eredità ta' ommhom għandu jitħallas bl-imgħax ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni u ċjoè mis-17 ta' Ottubru, 2018 sad-data tal-effettiv pagament.»*

70. Din il-Qorti fliet l-argumenti mressqa fir-rigward tal-imgħaxijiet u anqas ma ssib x'tiċċensura fid-deċiżjoni meħuda mill-Ewwel Qorti. Illi għal kull bwon fini, l-Qorti tal-Appell fuq il-kwistjoni tal-imgħax diġà saħqet, fil-kawża fl-ismijiet ***Carmel Grima et v. Saviour Grima et*** fuq imsemmija illi:

*«L-**Artikolu 615(2) tal-Kodiċi Ċivili** jagħmilha ċara li r-regola hi li fuq is-sehem riżervat jibda miexi mgħax bir-rata stabbilita fl-Artikolu 1139 b'seħħ minn dakinhar li jinfetaħ il-wirt. Din hija r-regola, u dik ir-regola sseħħ jekk kemm-il darba t-talba għas-sehem riżervat issir fi żmien sentejn minn dakinhar li jinfetaħ il-wirt jew, jekk issir wara dak iż-żmien, mid-data tan-notifika ta' att ġudizzjarju li fih issir it-talba. Il-leġislatur għażel li jorbot ir-rata ta' mgħax tat-tmienja fil-mija (8%) fis-sena ma' dik maħsuba fl-Artikolu 1139 tal- Kodiċi Ċivili li jitkellem dwar dewmien ta' eżekuzzjoni ta' obbligazzjoni li jkollha biss bħala oġġett il-ħlas ta'somma determinata. F'dak il-każ, limgħax li jimxi fuq is-sehem riżervat jitqies bħala aċċessorju għall-kreditu dovut u għalhekk, għall-kuntrarju ta' dak li jargumenta l-appellant, huwa element sostantiv tal-kreditu u mhux biss wieħed proċedurali.»*

71. Konsegwentement, din il-Qorti qiegħda tiċħad dan l-aggravju.

**Is-Seba' Aggravju**

72. Illi fir-rigward tas-seba' aggravju l-appellant jilmenta bil-mod kif l-Ewwel Qorti qasmet l-ispejjeż billi jisħaq illi tenut il-konsiderazzjonijiet tal-

Ewwel Qorti, li abbażi tagħhom ikkundannat lill-konvenut iħallas l-ispejjeż u kif ukoll tenut kont iċ-ċirkostanzi tal-każ, l-appellant m'għandux iħallas l-ispejjeż hu.

73. Illi l-appellati jisħqu illi kif kien l-insenjament tal-qrati tagħna, l-ispejjeż ta' dawn il-kawżi għandhom jiġu sopportati minn min jieħu vantaġġ mill-ereditá a skapitu ta' min hu intitolat għas-sehem riżervat.

74. Huwa veru li l-**Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** jipprovdi fl-**Artikolu 223(1)** illi għandu jkun it-tellief illi jġorr l-ispejjeż tal-kawża u li f'kawżi li għandhom x'jaqsmu mas-sehem riżervat, il-ġurisprudenza ttendi li l-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu mill-werrieta (ara ***Phyllis Fenech et v. George Cutajar et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Novembru, 2023).

75. Madankollu billi kien biss fil-mori tal-kawża li l-konvenut appellant irrinunzja għall-wirt u fl-aħħar mill-aħħar instab li d-donazzjoni li ngħatat lilu u li qed igawdi minnha qabżet il-limitu permess tal-assi li setgħet tiddisponi minnhom Maria Meli, allura huwa xieraq li l-ispejjeż tal-kawża jiġu mħallsa minnu.

76. Konsegwentement, din il-Qorti qiegħda tiċħad dan l-aggravju wkoll.

**Decide**

77. Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda **<u>tiċħad</u>** l-appell tal-konvenut Joseph Vella, bl-ispejjeż kollha kontra tiegħu.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss